**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Vassallo)**

**- vs -**

**John Attard ta' 52 sena, bin il-mejtin Lawrence u Mary Anne nee Gatt imwieled ix-Xaghra, Ghawdex fil-5 t'Awissu 1947 u li joqghod 40A, Triq Hamet, Xaghra, Ghawdex.**
**Karta ta' Identita' numru 68047(G)**

Illum 19 ta' Dicembru 2001.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli f'isem il-Kontrollur tad-Dwana fl-4 ta' Settembru 1995, u/jew f'xi data qabel instab li xjentement kellu fil-pusses tieghu u/jew taht il-kontroll tieghu senter tal-marka Baikal, Mudell nru. NXK-43E, serial no. 9151936. L-importazzjoni ta' dan l-oggett hija restritta jew projbita u ghandha valur ta' Lm20.00, u dazju ta' Lm1.26 liema dazju ma giex imhallas u/jew kawtelat, u dan bi ksur ta' l-artikoli 60 (a), (b), (c), (f), (g), (h), (i), (k), paragrafu (a) proviso tal-artikolu 62 ta' l-Ordinanza tad-Dwana, Kap. 37, tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat ukoll talli f'isem il-Kummissarju tal-VAT fl-4 ta' Settembru 1995, u/jew f'xi data qabel, instab li xjentement kellu fil-pussess u jew taht kontroll tieghu senter tal-marka Baikal, mudell NXK-43E, serial no. 9151936, li l-importazzjoni taghha hija restritta jew ipprojbita, tal-valur ta' Lm20, dazju Lm1.26, valur totali ta' Lm21.26, u li fuqhom kellha tithallas taxxa fuq il-valur mizjud, liema taxxa tammonta ghall-Lm3.19, liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew ikkawtelata, u dan bi ksur ta' l-artikolu 65 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (att nru. XII ta' l-1994).

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat illi minn dak li semghet din il-Qorti l-imputat ma ghandu l-ebda konnessjoni jew involviment.

Ghal dawn il-motivi ma ssibux hati u tilliberah.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur